**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 23**

**Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2021**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil Binja tal Kunsill , li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorjo Cassar, Marsaxlokk - fl-4:00 ta' wara nofs in-nhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | – | Viċi Sindku |
| Janice Chetcuti | – | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Stephen Caruana | – | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Charles Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| **23.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| | Xejn |
| **23.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 23.2.1 | Kopja tal-minuti tas-seduta preċedenti numru 22 tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ta' dawn il-laqgħat ittieħdu bħala moqrija. |
| 23.2.2 | Is-Sin. Elenia Desira pproponiet u ssekonda Stephen Caruana bħala koretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 22 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **23.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| 23.3.1 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fil-5 ta` Jannar 2021 fl-10 am, Is-Sindku flimkien mal-Assistent Principal kellhom laqgħa ġewwa l-Kunsill lokali ma rapprezentant li qed jieħu hsieb il-pjanijiet għall- Slow streets. |
| 23.3.2 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-7 ta` Jannar 2021 fil-11 am  Is-Sindku kellu laqgħa mac-Chairman li qed jieħu hsieb il-proġett tal-Magħluq biex jiddiskutu fuq l-istess ptoġett. |
| 23.3.3 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-12 ta`Jannar 2021 fid-9am  is-Sindku flimkien mal-kunsillier responsabbli tas-sajd u l-Assistent Principal kellhom laqgħa ġewwa l-Kunsill mal-koperattiva tas-sajjieda rigward il-proposti li għandu l-Kunsill Lokali . |
| 23.3.4 | Is- Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fil-15 ta`Jannar 2021, is-Sindku flimkien mal-Assistent Principal kellhom laqgħa ġewwa l-ERA fejn ġie diskuss il-fondi tal-Power Station. |
| 23.3.5 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fis-16 ta` Jannar 2021 fl-10am, is-Sindku flimkien mal-Kunsillier responsabbli mit-turiżmu kellhom laqgħa ġewwa l-kunsill lokali mal –MHRA u żewġ sidien mill-ħwienet li hemm fejn ġie diskuss il-problemi li għandhom. |
| 23.3.6 | Il- Kunsilliera Janice Chetcuti staqsiet għaliex ser jitpoġġew il-ġebel fejn ġie rispost li dan ser isir biex jiġi evitat li jkomplu jitkissru id-dagħjes u dawn ser isiru b'mod temporanju. |
| 23.3.7 | Il-Kunsilliera Janice Chetcuti resqet ilment min għand sajjied fejn spjegat li ħafna drabi is-sajjied stess kien jgħamel il-manutenzjoni hu biex jevita li jpoġġi id-dagħajsa fil Hardstanding u jifranka il-flus issir manutenzjoni fuq id-dagħajjes. Janice staqsiet jekk bħala kunsill tistax issir pressjoni biex dawn in nies ikollom post fejn jistgħu jgħamlu manutenzjoni.Ġie iċċarat li is-sajjied jista jgħamel dan u billi itellgħa fl-iskalin u jaħdem għaż-żmien ta ġimgħatejn estiz bil-permess jekk mitlub. |

<table>
<tr><td>23.3.8</td><td>Daniel Spjega u ġie diskuss it-talbiet tal-ħwienet fejn jixtiequ li titwessa il-bankina huma ssuġġerew li titwessa man naħa tal-Palm, u il bankina man-naha tal-ħanut tibqa għall pedestrians. Ġie deċiż li jsiru żewġ pjanti minn Perit u issir deċiżjoni min hemm.</td></tr>
<tr><td>23.3.9</td><td>Yellow line fix-Xatt; Ittihed Vot Biex jiġi deċiż jibqax is-sinjal isfar jew jitneħħa.</td></tr>
<tr><td></td><td>
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva Jibqa</th><th>Jitneħħa</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td></td><td>✓</td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>✓</td><td></td></tr>
<tr><td>Janice Chetcuti</td><td>✓</td><td></td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td></td><td>✓</td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>✓</td><td></td></tr>
<tr><td>Total</td><td>3</td><td>2</td></tr>
</table>
Bi 3 voti favur ġie deċiż li s-sinjali sofor jibqgħu sakemm ikun notifikat xortoħra.</td></tr>
<tr><td>23.3.10</td><td>Bejjiegħa tal Ħut. Ġie diskuss li il bejjiegħa jimxu lejn tal-Mgħaluq isir culvert sabiex ma jintefa xejn fil baħar. Ser issir pjanta min perit. Il bejjiegha qablu ukoll li jħalsu għat-tindif.</td></tr>
<tr><td>23.3.11</td><td>Out door Gym. Ser Jipproċedu</td></tr>
<tr><td>23.3.12</td><td>Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li kellu laqgħa flimkien mal-Assistent Principal l-ERA sabiex iġib fondi għat tisbieħ tal-Ġnien ta Port Ruman.</td></tr>
<tr><td>23.4</td><td>Mistoqsijiet tal-Kunsilliera</td></tr>
<tr><td>23.4.1</td><td>Elenia Desira staqsiet rigward Stop Sign ta Duncan, Is-Sindku spjega li meta issir triq min Transport Malta, iz zebgħa u issir min naħa tagħhom.</td></tr>
<tr><td>23.4.2</td><td>Tqegħid tad-Dgħajsa fil Ġnien tal Kavallerizza biex tigi wzata bħala Cat Shelter. Janice spjegat fejn jista jitpoġġa u sar qbil,</td></tr>
<tr><td>23.5</td><td>Skala 15 part time</td></tr>
<tr><td>23.5.1</td><td>Reġgħet ħarġet call għall skrivan skala 15 part time.</td></tr>
<tr><td>23.6</td><td>SPI/SCI 9/2020 – Regjun</td></tr>
<tr><td>23.6.1</td><td>Din l-iskema se toffri servizz ta ufficjali, impjegati tar-Reġjun, li joffru servizz fix-xogħol tal-kunsill. Xogħolijiet jinkludu Project Manager, Administrators, Financia EU funding etc.</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| **23.7** | **Tsunami Drill** |
| 23.7.1 | Daniel spjega li fil-15 ta' Frar ser titieħed id-deċiżjoni meta ser isir id-drill tat-Tsunami. Dati proposti 9 jew 15 ta' Marzu 2021. Spjega ukoll x'ser jigri u mitlub li jkun hemm kooperazzjoni. L-informazzjoni ser titqassam u tixxandar fuq il-media soċjali. |
| **23.8** | **Plannig Authority** |
| 23.8.1 | Hotel li qed tinbena max-Xatt. PA/08859/20. saret applikazzjoni biex jizdied Sular ieħor imdaħħal il-ġewwa. Ssir oġezzjoni sostnuta b'fatti, jintalab parir mill perit tal Kunsill. |
| **23.9** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal Pagamenti** |
| 23.9.1 | Proponiet Elenia Desira u ssekonda Stephen Caruana. |
| **23.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 23.10.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-17:50pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 18 ta' Frar 2021, fl-16:00pm. |

Konfermati, illum 18 ta' Frar 2021

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

________________________ ________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**Charles Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*